



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0109(COD)

8512/23
ADD 1

CYBER 92
TELECOM 108
CADREFIN 51
FIN 448
BUDGET 6
IND 181
JAI 471
MI 314
DATAPROTECT 110
RELEX 481
CODEC 662

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 209 final - Annex
Suġġett:	ANNESSI tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tfejjiġa u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 209 final - Annex.

Mehmuż: COM(2023) 209 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 18.4.2023
COM(2023) 209 final

ANNEX

ANNESSI

tar-

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-
tħejjija u r-rispons għat-theddud u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà**

ANNEX

Ir-Regolament (UE) 2021/694 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, it-taqsima/kapitolu “Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja

Il-Programm għandu jstimula t-tisħiħ, il-bini u l-kisba tal-kapaċitajiet essenzjali biex ikunu żgurati l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tal-Unjoni bit-tisħiħ tal-potenzjal industrijali taċ-ċibersigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni, u bit-titjib tal-kapaċitajiet tas-settur privat u anki tas-settur pubbliku biex iċ-ċittadini u n-negozji jitħarsu mit-theddidiet ċibernetiċi, inkluż bl-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148.

L-azzjonijiet inizjali u, meta xieraq, l-azzjonijiet sussegwenti skont dan l-objettiv għandhom jinkludu:

1. Inwettqu koinvestment mal-Istati Membri f’taġħmir avanzat taċ-ċibersigurtà, infrastrutturi u għarfien, tant essenzjali għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi u s-Suq Uniku Diġitali iġenerali. Dan il-koinvestment jista’ jinkludi investimenti f’faċilitajiet kwantistiċi u riżorsi tad-*data* għaċ-ċibersigurtà, l-għarfien sitwazzjonali fiċ-ċiberspazju, **inkluż is-SOCs nazzjonali u s-SOCs transfruntieri li jsawru t-Tarka Ċibernetika Ewropea**, kif ukoll għodod oħra li jridu jsiru disponibbli għas-settur pubbliku u privat fl-Ewropa.

2. Intejbu l-kapaċitajiet teknoloġiċi eżistenti u tan-networking taċ-ċentri ta’ kompetenza fl-Istati Membri, u niżguraw li dawk il-kapaċitajiet ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet tas-settur pubbliku u tal-industrija, inkluż bi prodotti u servizzi li jżidu ċ-ċibersigurtà u l-fiduċja fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali.

3. Niżguraw introduzzjoni wiesgħa ta’ soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà u ta’ fiduċja effettivi u mill-aktar avanzati fl-Istati Membri kollha. Din l-introduzzjoni tinkludi t-tisħiħ tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-prodotti, mid-disinn sal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom.

4. Nagħtu appoġġ biex jixxejnu d-distakki fil-ħiliet fiċ-ċibersigurtà billi pereżempju nallinjaw il-programmi tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, nadattawhom skont il-ħtiġijiet settorjali speċifiċi u niffaċilitaw l-aċċess għall-taħriġ speċjalizzat immirat.

5. Nippromwovu s-solidarjetà fost l-Istati Membri fit-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti sinifikanti taċ-ċibersigurtà billi jiddaħħlu servizzi taċ-ċibersigurtà bejn il-fruntieri, inkluż bl-appoġġ għal assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-istabbiliment ta’ riżerva tal-fornituri affidabbli taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni.”;

(2) Fl-Anness II, it-taqsima/kapitolu “Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja” hija sostitwita b’dan li ġej:

“Objettiv Speċifiku 3 – Ċibersigurtà u Fiduċja

3.1. L-għadd ta’ infrastrutturi taċ-ċibersigurtà, jew l-għodod, jew it-tnejn, akkwistati b’mod kongunt¹

3.2. L-għadd ta’ utenti u ta’ komunitajiet tal-utenti li qed jaċċessaw il-faċilitajiet taċ-ċibersigurtà Ewropej

3.3. L-għadd ta’ azzjonijiet li jappoġġaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà skont il-Mekkaniżmu ta’ Emerġenza Ċibernetika”

ANNESS [\[...\]](#)